Nru./No. 18,955
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 17 ta' Awwissu, 2012
Friday, 17th August, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 10,031 - 10,034
Government Notices ..... *10,031 - 10,034*

Avviżi tal-Pulizija ..... 10,034 - 10,035
Police Notices ..... *10,034 - 10,035*

Avviżi lill-Baħħara 10,036
Notices to Mariners *10,036*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 10,037 - 10,052
Employment Opportunities ..... *10,037 - 10,052*

Avviżi tal-Gvern ..... 10,052 - 10,057
Notices ..... *10,052 - 10,057*

Offerti ..... 10,057 - 10,087
Tenders ..... *10,057 - 10,087*

Avviżi tal-Qorti ..... 10,087 - 10,097
Court Notices ..... *10,087 - 10,097*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 860

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, l-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dott. George sive Jurgen Galea, bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., kif wkoll tal-atti tan-Nutar Dott. Joseph Felix Abela, llum mejjet, li tiegħu in-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi hija Nutar Konservatur, u dan matul il-perjodu li Dott. Mary sive Mariella Mizzi se tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mis-16 ta' Lulju, 2012 sal-21ta' Lulju, 2012.

Illum, il-21 ta' Lulju, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

GOVERNMENT NOTICES

No. 860

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr George sive Jurgen Galea to be Notary Delegate/Keeper for the acts of Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., and also to be Delegate/Keeper for the acts of the late Notary Dr Joseph Felix Abela, for whose Acts, Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi was appointed Delegate/Keeper, during the period that Dr Mary sive Mariella Mizzi, will be absent from these Islands from the 16th of July, 2012 till the 21st of July, 2012.

Today, the 21st day of July, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
f/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 861

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, l-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dott. George sive Jurgen Galea, bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi kif wkoll tal-atti tan-Nutar Dott. Joseph Felix Abela, llum mejjet, li tiegħu Dott. Mary sive Mariella Mizzi hija Nutar Konservatur, u dan sakemm in-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-1 ta' Settembru, 2012 sal-4 ta' Settembru, 2012.

Illum, il-21 ta' Lulju, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 861

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr George sive Jurgen Galea to be Notary Delegate/Keeper for the acts of Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi and also to be Delegate/Keeper for the acts of the late Notary Dr Joseph Felix Abela, for whose Acts, Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi was appointed Delegate/Keeper, during the period that Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi, will be absent from these Islands from the 1st of September, 2012 till the 4th of September, 2012.

Today, the 21st day of July, 2012.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
f/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 862

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza:	PA 06663/07
Post:	Sit fi Triq Ħal Far, fil-limiti ta' Birżebbuġa
Proposta:	Applikazzjoni għal żvilupp sħiħ ta' ċirkwit permanenti għall-*kartings*, faċilitajiet anċillari għall-klabb, *grand stand* miftuħa għall-pubbliku, *toilets*, bar, kmamar tal-laqgħat, faċilitajiet għall-ewwel għajnuna.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit- 28 ta' Mejju 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-18 ta' Lulju, 2012.

No. 862

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number:	PA 06663/07
Location:	Site at Triq Ħal Far, l/o Birżebbuġa
Proposal:	Full development application for proposed permanent circuit kartings, club ancillary facilities, open air public grand stand, toilets, bar, meeting rooms, first aid facilities

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 28th May 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 18th July, 2012.

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	**Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ.** *Remarks on mitigation measures, etc.*
Ħolqien ta' skart	Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, se jinħoloq ammont ta' skart inert, madankollu l-kwantitajiet x'aktarx li jkunu żgħar. Il-ħamrija li se titneħħa se titqiegħed f'partijiet oħra tas-sit jew inkella terġa' tintuża 'l barra mis-sit skont ma jkun approvat mill-awtoritajiet rilevanti. Iż-żibel prodott waqt l-operat se jintrema skont il-proċeduri stabbiliti għall-immaniġġar tal-iskart. Ġol-faċilità mhux se jkun hemm manutenzjoni u/jew bini ta' vetturi. Barra minn hekk, il-kċina se tintuża biss għall-preparazzjoni tal-ikel.

Waste generation	*The project will generate waste during both construction and operation. During the construction phase, inert waste will be generated however quantities are likely to be minimal. Cleared soil will either be shifted to other parts of the development site itself or reused off-site as approved by the relevant authorities. Municipal waste produced during operation will be disposed of in accordance with established waste management procedures. The facility will not be servicing and/or building vehicles. Furthermore, the kitchen will be solely used for food preparation.*
Impatt fuq il-kwalità tal-arja	Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u t-tħaffir tas-sit, u li se jkun hemm xi emissjonijiet ta' NO_x mill-inġenji. Waqt l-operat, se jinħolqu emissjonijiet ta' NO_x mit-traffiku operattiv u mill-vetturi fuq is-sit. Madankollu, l-ebda impatt sinifikanti m'hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (L.N. 295 tal-2007) jiġu osservati.
Impact on air quality	*During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and NOx from construction vehicles, are expected. During operation, NOx will be generated by operational traffic and motor vehicles on site. However, no significant impact is envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to.*
Storbju u vibrazzjonijiet	L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat mhux mistenni li l-istorbju u l-vibrazzjonijiet ikunu sinjifikanti meta jitqies il-kuntest tas-sit.
Noise and vibrations	*Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operations, noise and vibration are not expected to be significant given the site context.*
Impatti fuq il-wirt kulturali	L-iżvilupp propost huwa mdawwar minn numru ta' siti li jistgħu jkollhom valur arkeoloġiku. L-iżvilupp għandu jieħu inkunsiderazzjoni li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi fuq is-sit u għalhekk f'dan l-istadju jinħtieġ stħarriġ arkeoloġiku tas-sit in kwistjoni sakemm ma jkunx hemm struzzjonijiet differenti mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.
Impact on cultural heritage	*The proposed development is surrounded by a number of archaeologically sensitive sites. The development should take into consideration that archaeological remains might be found on site and thus an archaeological survey of the site in question is required at this stage unless otherwise instructed by the Superintendence of Cultural Heritage (SCH).*

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Is-17 ta' Awwissu, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

17th August, 2012

Nru. 863

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-Artikolu 10B tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Krystle Galea biddlet kunjomha għal Frendo Galea.

Is-17 ta' Awwissu, 2012

No. 863

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of Article 10B of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Krystle Galea has changed her surname to Frendo Galea.

17th August, 2012

Nru. 864

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17. 08. 2012	€42.391	€0.754

Is-17 ta' Awwissu, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 98

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt.

Iż-Żurrieq

Mit-Tnejn, l-20 ta' Awwissu, 2012 sas-Sibt, 25 ta' Awwissu, 2012, il-ġurnata kollha minn Triq Don Carlo De Giovanni Inglott.

L-Erbgħa, 22 ta' Awwissu, 2012, mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Qroll, San Pietru, il-Ħaddiema, Misraħ Lazzru, l-Inginiera, iċ-Ċombini, il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika u P.P. Saydon.

Il-Ħadd, 26 ta' Awwissu, 2012 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: P.P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika, Il-Karmelu, Sant'Andrija, San Pawl, Arthur Dimech, Is-Sajjieda, Leli Camilleri, it-23 ta' Lulju, 1942, San Bartilmew, Santa Katarina u P.P. Saydon.

It-Tnejn, 27 ta' Awwissu, 2012 mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, San Martin, Matteolo Saliba, il-Bronja, Sant Andrija, San Bartilmew, Il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, San Nikola, iċ-Ċombini, l-Inġiniera u l-Kbira.

No. 864

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17. 08. 2012	€42.391	€0.754

17th August, 2012

POLICE NOTICE

No. 98

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated hereunder.

Żurrieq

From Monday 20th August,2012 till Saturday 25th August, 2012, all day through Triq Don Carlo De Giovanni Inglott.

On Wednesday, 22nd August, 2012, from 4.00 p.m. till 8.00 p.m. through the following streets: il-Qroll, San Pietru, il-Ħaddiema, Misraħ San Lazzru, l-Inginiera, iċ-Ċombini, il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika and P.P. Saydon.

On Sunday, 26th August, 2012 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: P.P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika, Il-Karmelu, Sant' Andrija, San Pawl, Arthur Dimech, Is-Sajjieda, Leli Camilleri, it-23 ta' Lulju, 1942, San Bartilmew, Santa Katarina and P.P. Saydon.

On Monday 27th August, 2012 from 6.30 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, San Martin, Matteolo Saliba, Bronja, Sant Andrija, San Bartilmew, Il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, San Nikola, iċ-Ċombini, l-Inġiniera and il-Kbira.

It-Tlieta, 28 ta' Awwissu, 2012 mis-6.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, il-Bronja, Sant' Andrija, San Pawl, Fonzu Gauci, is-Sajjieda, it-23 ta' Lulju, 1942, San Bartilmew, il-Ħaddiema, Mattia Preti, iċ-Ċombini, l-Inġiniera u l-Kbira.

L-Erbgħa, 29 ta' Awwissu, 2012, mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, P.P. Saydon, Mattia Preti, Dun Ġużepp Zammit, il-Blue Grotto, l-Imqabba, Mons P.P Pullicino, Kan. Vinċens Balzan, Napuljun, il-Qrendi, it-Tunnara, San Pietru, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera u l-Kbira.

Il-Ħamis 30 ta' Awwissu, 2012 mis-7.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Il-Ġimgħa, 31 ta' Awwissu, 2012 mis-7.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Ħal Millieri, Luret Cutajar, S.M. Zarb, il-Kmand, il-Ġonna, Joseph Zerafa, Blue Grotto, Santa Katarina, L-Imqabba, Santu Formosa, Stefano Zerafa, Dun Ġużepp Zammit, Mattia Preti, P.P. Saydon u Misraħ ir-Repubblika.

Is-Sibt, l-1 ta' Awwissu, 2012, il-ġurnata kollha mit-toroq li ġejjin: P.P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, L-Indipendenza, Ġwann Camilleri, Vinċens Dimech, Salvu Psaila, Matteolo Saliba, Marjanu Gerada, il-Bronja, Wesgħa J.M. Cassar, Alexander, San Bartilmew, Santa Katarina, L-Imqabba, il-Blue Grotto, Santu Formosa, il-Qroll, San Pietru, Il-Ħaddiema, Misraħ San Lazarus, L-Inġiniera, iċ-Ċombini, il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, il-Qrendi, Dun Ġużepp Zammit (xellug u lemin) u Misraħ Mattia Preti.

Il-Ħadd, 2 ta' Settembru, 2012, il-ġurnata kollha mit-toroqli ġejjin: Dun Ġużepp Zammit, Misraħ Mattia Preti, P.P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika, Vjal ix-Xarolla, Testaferrata, De Mello, Franġisku Zahra, Fonzu Gauci, is-Sajjieda, Kalanġ Saliba, 23 ta' Lulju 1942, San Bartilmew, il-Pietà, Il-Karmnu, Misraħ Santa Marija, Bubaqra, it-Tin, G.M. Callus, De Giovanni Inglott, San Mikiel u l-Kbira.

Is-Sibt l-1 ta' Settembru, 2012 mill-5.00 p.m. 'il quddiem u l-Ħadd 2 ta' Settembru, 2012 mill-5.00 p.m. 'il quddiem, Triq il-Qrendi se tkun magħluqa għat-traffiku.

Vetturi li jistabu pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fid-dati u l-ħinijiet indikati jkunu soġġett li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Awwissu, 2012

On Tuesday 28th August, 2012 from 6.30 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, il-Bronja, Sant' Andrija, San Pawl, Fonzu Gauci, is-Sajjieda, it-23 ta' Lulju, 1942, San Bartilmew, il-Ħaddiema, Mattia Preti, iċ-Ċombini, l-Inġiniera and il-Kbira.

On Wednesday, 29th August, 2012, from 8.00 p.m. till midnight through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, P.P. Saydon, Mattia Preti, Dun Ġużepp Zammit, il-Blue Grotto, l-Imqabba, Mons P.P Pullicino, Kan. Vinċens Balzan, Napuljun, il-Qrendi, it-Tunnara, San Pietru, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera and il-Kbira.

On Thursday 30th August, 2012 from 7.00 p.m. onwards through Triq il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

On Friday 31st August, 2012 from 7.30 p.m. onwards through the following streets: Ħal Millieri, Luret Cutajar, S.M. Zarb, il-Kmand, il-Ġonna, Joseph Zerafa, Blue Grotto, Santa Katarina, L-Imqabba, Santu Formosa, Stefano Zerafa, Dun Ġużepp Zammit, Mattia Preti, P.P. Saydon and Misraħ ir-Repubblika.

On Saturday, 1st September, 2012, all day through the following streets: P.P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, L-Indipendenza, Ġwann Camilleri, Vinċens Dimech, Salvu Psaila, Matteolo Saliba, Marjanu Gerada, il-Bronja, Wesgħa JM Cassar, Alexander, San Bartilmew, Santa Katarina, L-Imqabba, il-Blue Grotto, Santu Formosa, il-Qroll, San Pietru, Il-Ħaddiema, Misraħ San Lazarus, L-Inġiniera, iċ-Ċombini il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, il-Qrendi, Dun Ġużepp Zammit (left and right) and Mattia Preti.

On Sunday, 2nd September, 2012, all day through the following streets: Dun Ġużepp Zammit, Misraħ Mattia Preti, P.P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika, Vjal ix-Xarolla, Testaferrata, De Mello, Franġisku Zahra, Fonzu Gauci, is-Sajjieda, Kalanġ Saliba, 23 ta' Lulju 1942, San Bartilmew, il-Pietà, Il-Karmnu, Misraħ Santa Marija, Bubaqra, it-Tin, G.M. Callus, De Giovanni Inglott, San Mikiel and il-Kbira.

On Saturday 1st September, 2012 from 5.00 p.m. onwards and Sunday 2nd September, 2012 from 5.00 p.m. onwards, Triq il-Qrendi will be closed to traffic.

Vehicles found parked through the abovementioned streets on the dates and times indicated will be towed away.

17th August, 2012

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 62 tal-2012

Id-Dawl Aħmar tal-Breakwater ta' Marsaxlokk Imċaqlaq Temporanjament

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yatching*, Transport Malta, jgħarraf li d-dawl prinċipali tal-*breakwater* ta' Marsaxlokk ġie mċaqlaq temporanjament bi 18-il metru lejn in-Nofsinhar għall-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35° 49.075'	14° 32.976'

Ix-xogħlijiet għandhom jitlestew sat-Tnejn, l-10 ta' Diċembru, 2012.

Il-baħħara għandhom jieħdu nota ta' dan, iżommu 'l bogħod u jgħaddu b'kawtela u bilmod.

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Marsaxlokk Port Control (VTS) fuq VHF Channel 14.

Chart affettwata: BA 36

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Is-17 ta' Awwissu, 2012

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 63 tal-2012

Maratona bil-Qlugħ fil-Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-Vikings Sailing Club se jorganizza maratona bil-qlugħ ta' 48 siegħa fil-Port ta' Marsamxett bħala għajnuna għal Noah's Ark.

Jekk it-temp jippermetti, il-maratona se ssir fil-Port ta' Marsamxett. Il-maratona għandha tibda mill-Vikings Sailing Club f'Xatt it-Tiben, Floriana fis-6.00 p.m. il-Ġimgħa, 24 ta' Awwissu, 2012 u tispiċċa fis-6.00 p.m. tal-Ħadd, 26 ta' Awwissu 2012.

Il-baħħara għandhom jieħdu nota ta' dan, jgħaddu b'kawtela u jżommu 'l bogħod mid-dgħajjes tal-qlugħ fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Chart affettwata: BA 177

Is-17 ta' Awwissu, 2012

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 62 of 2012

Marsaxlokk Red Breakwater Light Temporarily Moved

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that the Marsaxlokk main breakwater light has been temporarily moved by 18m South to position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 49.075'	14° 32.976'

Works are expected to be completed by Monday, 10th December 2012.

Mariners are to note the above, give a wide berth and proceed with caution and slow speed.

Instructions given by Marsaxlokk Port Control (VTS) on VHF Channel 14 are to be complied with.

Chart affected: BA 36

Positions referred to WGS 84 DATUM.

17th August, 2012

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 63 of 2012

Sailing Marathon in Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the Vikings Sailing Club will be organizing a 48-hour sailing marathon in Marsamxett Harbour in aid of Noah's Ark.

Weather permitting, the marathon will take place inside Marsamxett Harbour. The marathon is due to commence from the Vikings Sailing Club at Hay Wharf, Floriana at 6.00 p.m. on Friday, 24th August 2012 and end at 6.00 p.m. on Sunday, 26th August 2012.

Mariners are to note the above, navigate with caution and give the sailing boats a wide berth on the dates and times mentioned above.

Chart affected: BA 177

17th August, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq *Assignment* fil-Pożizzjoni ta' *Project Officer, ERF Project (Putting Integration into Perspective: Studying Integration Efforts of Beneficiaries of International Protection and Identifying Areas where Special Input is Needed)* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati fil-Ministeru għall-Intern

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Project Officer, ERF Project (Putting Integration into Perspective: Studying Integration Efforts of Beneficiaries of International Protection and Identifying Areas where Special Input is needed)* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati fil-Ministeru għall-Intern.

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* sat-30 ta' Ġunju 2013 bħala *Project Officer, ERF Project* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati fil-Ministeru għall-Intern. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Project Officer* matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

2.2 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' proġett speċifiku għal perjodu ta' żmien, il-pożizzjoni ta' *Project Officer* taqa' taħt Regolament 7(4) (c) tal-Avviż Legali 51/2007 kif sostitut bir-Regolament 3(b)(4) tal-Avviż Legali 239/2008.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/status indefinit fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv/status indefinit tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sostantiv/status indefinit tagħha meta jintemm l-*assignment*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/status indefinit fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat l-*assignment*.

2.4 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/status indefinit fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perijodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 9, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Project Officer, ERF Project* u tkun ittrasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 9, permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bil-*assignment* fis-seħħ.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Assignment in the Position of Project Officer, ERF Project (Putting Integration into Perspective: Studying Integration Efforts of Beneficiaries of International Protection and Identifying Areas where Special Input is Needed) in the Office of the Refugee Commissioner, within the Ministry for Home Affairs

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender

The Public Service Commission invites applications for the position of Project Officer, ERF Project (Putting Integration into Perspective: Studying Integration Efforts of Beneficiaries of International Protection and Identifying Areas where Special Input is needed) in the Office of the Refugee Commissioner within the Ministry for Home Affairs.

2.1 A selected candidate will enter into an assignment up to 30 June 2013 as a Project Officer, ERF Project in the Office of the Refugee Commissioner within the Ministry for Home Affairs. Unsatisfactory performance as Project Officer during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) (c) of Legal Notice 51/2007 as substituted by Regulation 3(b)(4) of Legal Notice 239/2008.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the assignment period and will revert to his/her substantive grade/indefinite status on termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her employment with the Office of the Refugee Commissioner as well as with the Government of Malta will be discontinued in case of termination of assignment.

2.4 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, and during the assignment period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 9, he/she will be expected to relinquish the duties of Project Officer, ERF Project and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected candidate becomes higher than the maximum of Scale 9 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Project Officer* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (li bħalissa huwa ta' €19,678 fis-sena), kif ukoll bonus mhux pensjonabbli ta' €1,397 fis-sena.

3.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), il-pensjoni tat-Teżor/*Gratuity* tagħha tinħadem fuq il-grad sostantiv u skala ta' salarju tagħha.

3.3 Din il-pożizzjoni tista' tkun parzjalment iffinanzjata mill-Fond Ewropew dwar ir-Refuġjati.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Project Officer, ERF Project* fl-uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati fil-Ministeru għall-Intern jinkludu li:

Taħdem flimkien ma' uffiċjali u persuni oħrajn li huma involuti f'dan il-proġett;

Tikkordina dawk il-materji kollha relatati max-xiri, infiq u xiri ta' servizzi magħmula taħt dan il-proġett;

Twettaq ix-xogħol amministrattiv neċessarju li hu relatat mal-proġett;

Żżomm id-dokumentazzjoni kollha neċessarja, inklużi dawk tax-xiri u fatturi;

Tfassal l-offerti u kontratti rilevanti tal-ERF kif mitlub mir-Regoli Tal-Kuntratti Pubbliċi, jirrevedi u jaġġorna l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-offerta;

Tikkontrolla u timmaniġġa l-pagamenti skedati u tikkordina l-implimentazzjoni tagħha;

Tikkordina u tissorvelja l-informazzjoni tal-applikanti fiċ-ċentri fejn isiru l-intervisti;

Tikkordina u tissorvelja l-grupp u laqgħat personali ma' persuni li qed ifittxu l-ażil;

Tikkordina dawk il-materji kollha relatati ma' laqgħat dwar il-proġett;

Tagħmel xogħol ieħor li jista' jingħata mill-Kummissarju għar-Refuġjati;

Kull xogħol ieħor skont l-esiġenzi tas-Servizz kif mitlub mis-Segretarju Permanent Ewlieni.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) (a) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema;

JEW

3.1 The salary attached to the position of Project Officer is equivalent to the maximum point of salary scale 9 (currently €19,678 per annum), plus a non-pensionable allowance of €1,397 per annum.

3.2 If a selected candidate is a Public Officer pensionable under the Pensions Ordinance (Cap. 93), his/her Treasury Pension/Gratuity shall be calculated on his/her substantive grade and salary scale.

3.3 This position may be part-financed by the European Refugee Fund.

4. The duties of Project Officer ERF Project in the Office of the Refugee Commissioner within the Ministry for Home Affairs include:

Liaising between the different stakeholders involved in this project;

Coordinating all matters relating to the purchases, expenditures, and procurement of services made under the project;

Carrying out the necessary administrative work in relation to the project;

Maintaining all the necessary documentation, including purchase documents and invoices;

Drafting the relevant ERF tenders and contracts as per Public Contracts Regulations, reviewing and updating of specifications related to the tender;

Monitoring and manage the disbursement schedule break down, and coordinate the implementation schedule;

Conducting a preliminary examination on documents presented by asylum seekers;

Interviewing asylum seekers, when needed, for the purpose of collecting information related to integration efforts;

Coordinating all matters related to meetings incurred from this Project;

Perform any other duty as assigned by the Refugee Commissioner;

Any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta;

OR

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(d) kwalunkwe persuni oħrajn li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq;

JEW

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanzi u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtiega skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-xogħol u t-taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom *first degree* pertinenti u rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

JEW

Ikunu Uffiċjali Pubbliċi fi Skala mhux anqas minn Skala 12 u ghandhom erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Kwalifiċi li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux ghadhom ġabu l-kwalifiċi msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c);

OR

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a recognized pertinent first degree, at MQF Level 6, or an appropriate, recognized, comparable qualification and one (1) year relevant work experience;

OR

Public Officers in a Scale not below Scale 12 with four (4) years relevant work experience.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be

jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiċi msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikollhom it-trasport tagħhom u jkollhom liċenzja nadifa tas-sewqan.

(v) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 5, għandhom:

Esperjenza ppruvata f'pożizzjoni maniġerjali u/jew fl-imaniġġar tal-fondi Ewropej;

Ħiliet fit-tmexxija u abbiltà li jmexxu tim;

Ħiliet analitiċi u abbiltà fl-ippjanar, implimentazzjoni u sorveljanza ta' proġetti;

Ħiliet ta' organizzazzjoni eċċellenti;

Abbiltà li jżommu mal-iskadenzi;

Abbiltà li jipproċessaw ħlas ta' pagamenti kif mitlub mill-Awtorità Responsabbli;

Abbiltà li joħorġu tender kif mitlub mir-Regoli tal-Kuntratti Pubbliċi;

Abbiltà li jaħdmu f'tim u li jaħdmu that pressjoni bl-inqas sorveljanza.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabbiltà (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabbiltà), Att. (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Public Administration HR Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 L-applikanti eliġibbli jiġu eżaminati minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) in possession of his/her own transport and in possession of a clean driving licence;

(v) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Due consideration will be given to applicants who, besides the requistes indicted in paragraph 5, have:

Proven experience in a managerial position and/or in managing European Funds;

Leadership skills and ability to manage a team;

Analytical skills and ability to plan, implement and monitor the project;

Excellent organizational skills;

Ability to respect deadlines;

Ability to process payment fees as required by the Responsible Authority;

Ability to issue a tender in line with the Maltese procurement regulation;

Ability to work as a team player and to work under pressure with minimum supervision.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap.413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

8.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppublikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat, Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Intern, *House of Catalunya,* Triq Marsamxett, Valletta.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

9.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Human Resource Directorate, Ministry for Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Sectretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

